**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 239/97

Carmelo Dalli

vs

Chairman Enemalta Corporation

Illum 1ta’ Dicembru, 2000.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta 1990, ir-rikorrent sofra ingustizzja billi gie trasferit minn fuq il-post tax-xoghol tieghu, minghajr raguni valida, anzi ingustament kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

Illi l-fatti tal-kaz huma fil-qosor is-segwenti:

Ir-rikorrent kien impjegat mal-Enemalta Corporation Taqsima tal-Gas, fil-grad ta’ Fitter u kien jaghmel xoghol fuq barra, cioe’ jdur

id-djar ecc fejn ikunu gew rapurtati xi hsarat f'cilindri tal-gass jew appart domestiku.

Illi permezz ta' ittra datata 15 ta' Marzu 1990, ir-rikorrent gie nfurmat mill-Kap tat-Taqsima tal-Gas illi hu kien qed jigi akkuzat li skarta minn fuq ix-xoghol fis-6 ta' Marzu 1990 bejn it-3.45pm u l-4.15pm.

Illi ir-rikorrent cahad din l-akkuza u anke sostna c-cahda tieghu bi provi, fosthom li fil-gurnata in kwistjoni, cioe' s-6 ta' Marzu 1990 kien ghamel ix-xoghol kollu assenjat lilu.

Illi barra minn hekk ir-rikorrent ufficjalment cahad l-akkuza permezz tal-General Workers Union, izda minkejja dan l-intimat kompla bi proceduri dixxiplinari kontra tieghu, fl-assenza tar-rikorrent.

Illi permezz tal-istess General Workers Union, ir-rikorrent appella mid-decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina, anke minhabba l-fatt li hu gie mcahhad mid-drittijiet tieghu li jisma' x-xhieda kontra tieghu u jiddefendi ruhu kontra l-akkuzi quddiem il-Bord tad-Dixxiplina.

Illi, minkejja dan kollu ittiehdet azzjoni dixxiplinarja kontra ir-rikorrent billi huwa tnehha minn fuq ix-xoghol ta' barra, kif fuq indikat, u gie moghti xoghol fuq il-post tax-xoghol, cioe' fil-premises tal-Korporazzjoni.

Illi b'konsegwenza ta' dan it-trasferiment, ir-rikorrent sofra telf finanzjarju billi l-paga tieghu naqset peress li ma baqax jircievi l-allowance relattiva ghax-xoghol fuq barra u tilef madwar Lm2.50 fil-gimgha.

Illi b'hekk ai termini tal-Att VIII tal-1997 ir-rikorrent fil-perjodu fuq indikat garrab ingustizzja u dana b'konsegwenza ta' distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li saret jew inghatat bi hsara ghalih, jew li minhabba fiha garrab inkapacita' jew restrizzjoni u dana b'azzjoni mehuda mill-intimat.

Illi biex isostni l-ilment tieghu, ir-rikorrent sejjer iressaq ix-xhieda murija fl-elenku.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab illi dan it-Tribunal joghgbu wara li jisma' x-xhieda u sottomissjonijiet tair-rikorrent, jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tan-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u jordna illi jinghata rimedju billi ir-rikorrent (1) jerga jinghata x-xoghol li kellu bhala Fitter fuq barra mal-Gas Division tal-Korporazzjoni intimata; (2) jithallas l-allowances kellha li tilef b'rizultat tat-trasferiment ingust li sofra, mid-data tal-istess trasferiment.

Fl-eventwalita' li dawn ir-rimedji ma jistghux jinghataw ir-rikorrent jitlob li jigi ordnat jithallas lilu kumpens fl-ammont ta' Lm5000 jew kull ammont iehor li ma jeccedix il-Lm5000 li dan it-Tribunal jidhirlu xieraq.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni intimata li eccepiet:

Illi permezz ta' ittra ta' 15 ta' Marzu 1990 ffirmata mis-Sur Edwin Cilia Kap Taqsima tal-Gas ir-rikorrent gie nfurmat li kien hemm il-hsieb li jittiehdu passi dixxiplinarji kontra tieghu fuq allegazzjoni li hu kien skartat minn fuq ix-xoghol van nru Z-1973 nhar it-Tlieta 6 ta' Marzu 1990 bejn 3.45pm u 4.15pm.

Illi l-kaz tar-rikorrent gie ezaminat mill-Bord tad-Dixxiplina tal-Korporazzjoni fis-6 ta' Marzu 1990;

Illi dan il-Bord sabu hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u rrikmanda lic-Chairman tal-Korporazzjoni li jawtorizza li huwa jigi penalizzat billi jinghata twissija liema twissija fil-fatt inghatat;

Illi l-Bord tad-Dixxiplina agixxa skond kif provdut fil-Ftehim Kollettiv;

Illi t-trasferiment li nghata lir-rikorrent kien fuq esigenzi tas-servizz u wkoll sar skond kif provdut fil-Ftehim Kollettiv;

Ra l-lista tax-xhieda tal-Korporazzjoni intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti msemmija fir-rikors. Semma li kien impjegat mal-Korporazzjoni Enemalta Taqsima tal-Gas fil-grad ta' fitter u parti mix-xoghol tieghu kien jikkonsisti fil-partecipazzjoni fl-iskema ta' servizz ta' emergenza rigwardanti rappurtar ta' cilindri difettuzi tal-gass wara l-hin normali tax-xoghol. Semma li fil-15 ta' Marzu 1990 kien infurmat b'ittra ffirmata mill-Kap tat-Taqsima tal-Gas is-Sur Edwin Cilia, fejn biha gie avzat illi qieghed jigi akkuzat li skarta minn fuq ix-xoghol fis-6 ta' Marzu 1990 ezattament bejn it-3.45pm u l-4.15pm. F'dik il-gurnata hu flimkien mal-apprendist Antoine Debono, kien hargu fuq xoghol li kien maqsum madwar Malta kollha. Dan ix-xoghol kien jigi rappurtat mill-pubbliku matul il-gurnata liema xoghol kien jigi moghti lilhom permezz ta' telefonati mill-fitter ikkoncernat lil Kap tas-Sezzjoni gewwa l-LPG Plant Qajjenza. Matul it-twettiq ta' dan ix-xoghol, il-procedura ghal tehid ta' xi break jew waqfa ghal xi tazza te' kienat li meta x'hin jippermetti x-xoghol kienu jieqfu fejn ikun u mhux bil-hin stipulat bhal haddiema ta' gewwa l-impjant. Dan kien isir bil-konoxxenza tas-superjuri tas-Sezzjoni.

Intant dakinhar meta gie allegat li kien skartat fil-Kazin Laburista ta' Birzebbugia l-imghallem tieghu kien infurmah bit-telefon fejn kien sabiex f'kaz ta' bzonn u/jew emergenza dana seta jikkuntattjah minghajr problemi. Fil-hin indikat ma kienx wahdu anzi kien hemm prezenti dawn il-haddiema: John Zarb, Giuseppe Caruana, Victor Agius, Anthony Chetcuti - kollha kollegi mill-istess Sezzjoni. Ittiehdu passi dixxiplinari kontra r-rikorrent biss. Il-Korporazzjoni baqghet ghaddejja bi proceduri dixxiplinarji kontra tieghu dejjem minghajr qatt ma gie mitlub jidher quddiem l-ebda bord b'cahda mid-drittijiet tieghu li jisma' x-xhieda migjuba kontra tieghu u sabiex jiddefendi ruhu kontra l-akkuzi mressqa kontrih.

B'rizultat ta' dan, tnehha minn fuq ix-xoghol ta' barra, u gie moghti xoghol gewwa l-impjant b'konsegwenza li sofra telf finanzjarju billi l-paga tieghu naqset peress li ma baqax jircievi l-allowance relatat li kienet tammonta ghal madwar Lm2.50c fil-gimgha li tlahhaq ghas-somma ta' Lm650 ghal perjodu ta' hames snin, dana eskluz l-overtime li ntilef u li jrid jigi nkluz mas-somma hawn fuq indikata.

Zied jghid: "Is-Servizz tal-emergenza rega' gie mibdi f'Lulju 1992 izda jiena kont gejt inkluz biss wara tlett snin, ezattament fis-17 ta' Awissu 1995. Intant jiena f'dak il-perjodu ta' tlett snin gejt imcahhad ingustament minn dan ix-xoghol u minhabba f'hekk tlift madwar Lm1000 ohra."

Xehed Guzeppi Caruana li jahdem bhala xufier mal-Enemalta. Jahdem fil-gas division u li 5 snin ilu kien jahdem fl-istess divizjoni fejn jahdem ir-rikorrent. Bhala procedura ta` xoghol kienu jaghtuhom lista filghodu tal-postijiet fejn irridu jmorru. Wara li jlestu l-postijiet kollha kienu jncemplu biex jghidulhom fejn qieghdin u jkunu qieghdin stand by. Normalment incemplu minn xi hanut jew kazin, fejn isibu. Dwar l-incident in kwistjoni semma li kienu qieghdin B`Bugia wara l-kazin tal-Labour u dahlu biex incemplu lill-imghallem taghhom l-head office. L-imghallem kien qalilhom biex jidhlu lura gewwa. Zied li hu ma kienx deher quddiem ebda bord izda quddiem is-Sur Cilia biss ghalkemm dak in-nhar kienu xi tlieta li dahlu biex incemplu. Lilu ma tawh ebda kastig, u ghadu sal-lum driver fil-gas division. Semma li meta dahlu fil-kazin tal-labour, apparti li kienu cemplu kienu xtraw pakkett sigaretti. "Inzid nghid li l-ordni kien tahielna l-imghallem li ncemplu minn fejn insibu u ahna kien deherlina li kellna nidhlu f` dak il-kazin." Antoine Debono, Silvio Zammit, Anthony Chetcuti u Victor Agius semmew l-istess fatti.

John Baptist Zarb xehed li jahdem mal-Enemalta u ghandu l-kariga ta` Technical Officer. Ilu jahdem fil-gas division ghal dawn l-ahhar xi 30 sena. Lir-rikorrenti jafu u kellu diversi kuntatti mieghu fuq ix-xoghol, u jafu bhala responsabbli mix-xoghol tieghu. Hu jodbi, x-xoghol tieghu dejjem jaghmlu u jaghmlu tajjeb. Qatt ma rrifjuta li jaghmel xoghol. Ftakar li xi disa` snin ilu kien inqala` incident u kellu ordni biex ir-rikorrent jibqa` jahdem fuq gewwa. Dak iz-zmien kien gja fil-fatt jahdem direttament tahtu. L-ordni kien ghaddihielu s-Sur Cilia, Manager

tal-gas. Fil-fatt is-sistema dak iz-zmien ma kenitx bhal tal-lum bir-radio izda kienu jcemplu meta kienu jlestu mix-xoghol u qabda drabi kienu jghdulhom biex joqghodu stand by.

Joe Mangion Principal mal-Enemalta xehed li r-rikorrent kien inghata twissija. Fil-file ma jirrizultax records li gie trasferit izda peress li hu kien qieghed fil-gas division u meta bniedem jigi trasferit minn sezzjoni ghall-ohra tal-istess division ma jkun hemm xejn fil-file li jindika li persuna giet trasferita. It-twissija fil-preciz tghid "Illi fis-6 ta` Marzu 1990 bejn l-3.45 p.m. u l-4.15 p.m. kien skartat fuq il-post tax-xoghol bil-van numru 1973, li kien van tal-Enemalta. It-twissija kienet maghmula mhux lilu biss izda lil diversi nies li kienu mieghu bl-istess van u fl-istess hin. F' dan ir-rapport ma hemm b`ebda mod li r-rikorrent kellu jintbaghat jahdem fuq gewwa minfolk fuq barra. Veru li l-persuna l-ohra [driver] baqghet tahdem fuq barra.

Ikkunsidra

Illi f'dan il-kaz dak li veru gara lir-rikorrent li spicca jahdem fuq gewwa u b'hekk tilef alloances. Mhux sewwa li haddiema waqt hin ix-xoghol ikunu postijiet ohra specjalment f'kazini, izda jekk Korporazzjoni taghzel hi stess li sistematikament haddiema ghandhom icemplu minn fejn isibu hu logiku li haddiema jaghzlu minn fejn icemplu. Naturali li wiehed jghid kelma, jiehu kafe', u forsi jixtri sigaretti. Dak li missu kellhom kienet sistema ta' radio ghax altrimenti tkun *penny wise pound foolish.*

Issa r-rikorrent kien fil-kazin tal-Labour u hu jghid li biex icemplu. Hafna nies fahhru x-xoghol tieghu. It-Tribunal kellu l-okkazzjoni josserva l-komportament tar-rikorrent u jinsab impressjonat favorevolment. Jasal ghall-konkluzzjoni li jekk stess kien haqqu twissija ma kienx haqqu aktar minn hekk u bid-decizzjoni li ttiehdet fil-konfront tieghu saret ingustizzja. Kawza ta' din l-ingustizzja r-rikorrent sofra finanzjarjament.

Pero' lanqas ma wiehed irid ikun impressjonat iz-zejjed bid-dokumenti li matul il-kors tal-kawza r-rikorrent beda jesebixxi. L-ewwel sar ir-rikors, wara affidavit, wara affidavit iehor u dejjem jissemma telf gdid. Dan ma tantx jimpresjona lit-Tribunal anzi aktar jimpressjonah negattivament.

Minhabba l-motivi msemmija it-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat, jsib li saret ingustizzja mar-rikorrent, jilqa' t-talba tieghu, jirrikmanda hlas ta' kumpens fis-somma ta' elfejn lira.

Spejjez kontra l-Korporazzjoni.